

22 ta' Awwissu 2018  
EMA/133231/2018

## Gwida li għandha tingħata lill-preskriventi sabiex jiġi żgurat li Amglidia jintuża b'mod korrett

Il-gwida ser iżżejjid l-għarfien dwar il-preżentazzjonijiet differenti tal-mediċina u ser tgħin biex jiġu evitati żabalji fil-medikazzjoni

Il-professjonisti kollha tal-kura tas-saħħa li huma mistennija jippreskrivu Amglidia (suspensioni orali tal-glibenclamide) ser jingħataw gwida sabiex jiġi żgurat li l-mediċina tiġi preskriitta u użata b'mod korrett.

Amglidia huwa mediċina li tintuża għall-kura ta' dijabete fit-trabi tat-tweliż, forma ta' dijabete li sseħħ fl-ewwel 6 xħur tal-ħajja.

Amglidia jiġi bħala sospensioni orali f'żewġ qawwiet: 0.6 mg/ml u 6 mg/ml, u kull qawwa tiġi f'żewġ preżentazzjonijiet: jew b'siringa orali ta' 1 ml jew b'siringa orali ta' 5 ml. Il-qawwa u d-daqs tas-siringa orali li għandhom jintużaw jiddependu mid-doża preskriitta. Huwa importanti li tintuża biss is-siringa pprovduta mal-pakkett biex jitkejjel Amglidia.


Jistgħu jseħħu żabalji fid-dożaġġ minħabba konfużjoni bejn milligrammi (mg) u millilitri (ml), jew użu ta' qawwa jew daqs tas-siringa mhux korretti u kif titkejjel id-doża, li jistgħu jirriżultaw f'livelli ta' zokkor fid-demm għoljin wisq jew baxxi wisq.

Sabiex jiġu evitati żabalji fil-medikazzjoni, il-preskriventi ser jingħataw gwida li tispeċifika liema qawwa u preżentazzjoni għandhom jintużaw u x'dettalji għandhom jiġu inklużi dwar kull preskrizzjoni.


### Informazzjoni għall-ġenituri u l-persuni li jieħdu ħsieb il-pazjent

- Amglidia jintuża biex jikkura d-dijabete fit-trabi tat-tweliż, forma ta' dijabete li sseħħ fl-ewwel 6 xħur tal-ħajja. Dan huwa likwidu li jingħata mill-ħalq u jiġi f'żewġ qawwiet: 0.6 mg/ml u 6 mg/ml. Kull qawwa tiġi f'żewġ preżentazzjonijiet: jew b'siringa orali ta' 1 ml jew b'siringa orali ta' 5 ml (ara l-istampa ta' hawn taħt).
- Amglidia jingħata darbtejn kuljum. Id-doża tiġi preskriitta f'millilitri (ml) skont il-piż tal-ġisem. Meta tiġi preskriitta l-mediċina, it-tabib ser jispeċifika wkoll il-qawwa ta' Amglidia u d-daqs il-korrett tas-siringa orali sabiex din id-doża tingħata b'mod eżatt.


### Amglidia 0.6 mg/ml, b'siringa ta' 1 ml




### Amglidia 0.6 mg/ml, b'siringa ta' 5 ml



### Amglidia 6 mg/ml, b'siringa ta' 1 ml



### Amglidia 6 mg/ml, b'siringa ta' 5 ml



- Il-ġenituri u l-persuni li jieħdu ħsieb il-pazjent ser jiġu infurmati mill-professjonista tal-kura tas-saħħha tagħhom dwar kif jiġbdu l-mediċina fis-siringa orali u kif jagħtu d-doża lill-wild.
- Il-ġenituri u l-persuni li jieħdu ħsieb il-pazjent għandhom jużaw biss is-siringa orali pprovduta mal-pakkett biex ikejlu d-doża ta' Amglidia.
- Il-ġenituri u l-persuni li jieħdu ħsieb il-pazjent għandhom dejjem jużaw Amglidia kif irrakkomandat mit-tabib. Il-ġenituri u l-persuni li jieħdu ħsieb il-pazjent għandhom ikellmu lil tabib jew lil spiżjar jekk ikollhom xi mistoqsijiet dwar il-kura.

## **Informazzjoni għall-professjonisti tal-kura tas-saħħha**

- Amglidia huwa sospensjoni orali li tiġi f'żewġ qawwiet: 0.6 mg/ml u 6 mg/ml. Hemm żewġ preżentazzjonijiet għal kull qawwa: waħda b'siringa orali ta' 1 ml u waħda b'siringa orali ta' 5 ml (ara l-istampa ta' hawn fuq).
- Il-qawwa ta' Amglidia 0.6 mg/ml għandha tintuża biss għal dożi sa 0.6 mg/kg kuljum. Dan sabiex jiġi limitat l-esponent ġħalli-eċċipjent benżoat tas-sodju. Amglidia 6 mg/ml għandu jintuża għal dożi oħħla minn 0.6 mg/kg kuljum.
- L-għażla tas-siringa orali tiddependi mill-volum għal kull doża:
  - Jekk il-volum għal kull doża jkun daqs jew inqas minn 1 ml, għandha tiġi preskritta s-siringa orali ta' 1 ml;
  - Jekk il-volum għal kull doża jkun aktar minn 1 ml, għandha tiġi preskritta s-siringa orali ta' 5 ml.
- Għandha tintuża biss is-siringa orali pprovdu ta' mal-pakkett biex titkejjel id-doża ta' Amglidia.
- Il-preskrizzjoni għandha tħalli d-dettalji kollha li ġejjin:
  - il-qawwa ta' Amglidia,
  - id-doża ta' kuljum ta' Amglidia f'ml,
  - il-volum f'ml li għandu jingħata għal kull doża,
  - kemm għandhom jingħataw dożi kuljum,
  - id-daqs tas-siringa li għandu jintuża.
- Il-professjonisti tal-kura tas-saħħha għandhom jispiegaw lill-ġeniturn jew lill-persuna li tieħu ħsieb il-pazjent li d-doża ta' Amglidia tiġi preskritta f'ml skont il-piż tal-ġisem tal-pazjent. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħha għandhom jispiegaw ukoll li d-doża għandha tingħata bis-siringa orali gradwata f'ml, ipprovduta fil-pakkett.
- L-ispiżjara għandhom jiżguraw li jingħataw il-qawwa korretta ta' Amglidia u d-daqs korrett tas-siringa orali.
- Jekk il-pazjent jinqaleb għal qawwa differenti jew jekk tkun xierqa siringa orali differenti, il-preskrivent għandu jenfasizza lill-ġeniturn jew lill-persuna li tieħu ħsieb il-pazjent id-differenzi fl-imballaġġ u jispiegħa b'attenzjoni kif titkejjel id-doża l-ġidida.

---

## **Aktar dwar il-mediċina**

Amglidia huwa mediċina tad-dijabete li tintuża għal dijabete fit-trabi tat-tweliż, forma ta' dijabete li sseħħi fl-ewwel 6 xhur tal-ħajja u li teħtieġ kura bl-insulina. Hekk kif jinbeda Amglidia, normalment ikun possibbli li titnaqqas u saħansitra titwaqqaf id-doża tal-insulina li l-pazjent ikun digħi qiegħed jirċievi. Amglidia huwa effettiv f'pazjenti b'mutazzjonijiet ġenetiċi speċifiċi (kanal tal-potassju sensittiv għal ATP taċ-ċellola beta u kromożoma 6q24).

Is-sustanza attiva f'Amglidia, il-glibenclamide, hija mediċina tad-dijabete li tappartjeni għall-klassi tas-sulfonylureas. Din taħdem fuq ċelloli li jipproduċu l-insulina fil-frixa u teħel ma' kanali speċjali fuq il-wiċċ tagħhom li jissejħu kanali tal-potassju sensittivi għal ATP (kanali KATP), li permezz tagħhom il-joni tal-potassju normalment jidħlu fiċ-ċelloli u jiskattaw ir-rilaxx tal-insulina. L-effett tal-glibenclamide fuq il-kanal KATP jirrestawra l-abbiltà taċ-ċelloli li jirrilaxxaw l-insulina fid-demm.

Aktar informazzjoni dwar Amglidia tinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find medicine](http://ema.europa.eu/Find_medicine).